MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JOSEPH CASSAR**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2004

Numru 99999/2004

Il- Pulizija
(Spettur Yvette Farrugia)

Vs

Justin Axisa, Johann Borg,
Taylor Axisa, Sean Agius,
Ian Farrugia, Clayton Pace,
Clifford Garrett

Il- Qorti,

Rat l- akkuza migjuba kontra l- imsemmija:

Justin Axisa ta’ 22 sena iben Paul u Janet mitwielda Goodlip, mwieled Pieta’ fis- 7 ta’ Awissu 1982 u residenti fil- fond Blk. 7, Dr.A, Flt. 5, Triq il- Buganvilla, San Gwann detenur tal- karta tal- identita’ bin- numru: 428982(M).

Johann Borg ta’ 21 sena iben Carmelo u Rita mitwielda Micallef, mwieled Pieta’ fis- 16 ta’ Mejju 1983, u residenti fil- fond Blk. B, Flt 21, Triq il- Hawha, San Gwann detenur tal- karta tal- identita’ bin- numru: 284483(M).

Taylor Axisa ta’ 18 il- sena iben Paul u Janet mitwielda Goodlip, mwieled Pieta’ fil- 21 ta’ Lulju 1986, u residenti fil- fond Blk. 7, Dr.A, Flt. 5, Triq il- Buganvilla, San Gwann detenur tal- karta tal- identita’ bin- numru: 325086(M).

Sean Agius ta’ 16 il- sena iben Emmanuel u Roberta mitwielda Micallef imwieled il- Pieta’ fit- 23 ta’ Marzu 1988, u residenti fil- fond Flt 6, Triq il- Qalbiena, Binja 21 ta’ Settembru 1964, Ent. D, San Gwann detenur tal- karta tal- identita’ 172188 (M).

Ian Farrugia ta’ 16 il- sena iben il- mejjet Anthony u Joan mitwielda Pace imwieled il- Pieta’ fit- 3 ta’ Ottubru 1987 u residenti fil- fond Flt. 14, Triq R. Caruana Dingli, Blk 14, Door B, San Gwann, detenur tal- karta tal- identita’ bin- numru: 460187(M).

Clayton Pace ta’ 16 il- sena iben Charmel u Joyce mitwielda Bugeja imwieled il- Pieta’ fil- 31 ta’ Mejju 1988, u residenti fil- fond Blk. A, Flt. 2, Triq il- Hawha, San Gwann, detenur tal- karta tal- identita’ bin- numru 268788(M).

Clifford Garrett ta’ 15 il- sena iben Sylvio William u Rose mitwielda Cordina imwieled il- Pieta’, fit- 12 ta’ Mejju 1989, u residenti fil- fond Blk. B3, Flt. 12, Triq il- Mimosa, San Gwann.

Lill- Justin Axisa, Johann Borg Taylor Axisa u Sean Agius talli nhar is- Sibt 7 ta’ Awissu 2004, minn gewwa Triq il- Buram f’ Pembroke, ghall- habta tat- tlieta ta’ filghodu, minn fuq il- persuna ta’ Alisiya Zelenkova, ikkommettew serq ta’ basket li fih kellu diversi oggetti fosthom, mobile phone tal- marka Nokia 8310 u zewg liri Maltin u dan ghad- dannu ta’ Alisiya Zelenkova, liema serq hu aggravat bil- valur, hin u vjolenza.

U aktar talli f' dawn il- gzejjer bil- lejl, ikkommettew serq ta' diveri oggetti minn fuq il- persuni ta' diversi tfajliet barranin, fosthom camera tal- marka Olympus, camera tal- marka Cannon, mobile phone tal- marka Nokia 6610, mobile phone tal- marka Nokia 6610i, mobile phone tal- marka Siemens MC60 u dan ghad- dannu ta' diversi persui mhux maghrufa, liema serq hu aggravat bil- valur, hin u vjolenza.

Lil Johann Borg, Sea Agius u Clifford Garrett wehidhom talli nhar it- Tlieta 17 ta' Awissu 2004 minn gewwa Telghet Birkirkara f' San Giljan, ghall- habta tas- siegha u nofs ta' filghodu, minn fuq il- persuna ta' Karolina Piwowarska, ikkommettew serqa ta' basket li fih kellu diversi oggetti fosthom mobile phone tal- marka Nokia 6510, 100 Euro u 20 lira Maltin u dan ghad- dannu ta' Karolina Piwowarska, liema serq hu aggravat bil- valur, hin u vjolenza.

U aktar talli f' dawn l- ahhar xhur fuq dawn il- gzejjer, xjentament laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehudha b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta jew xjentament b' kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Lil Ian Farrugia u Clayton Pace wehidhom talli nhar is- Sibt 24 ta' Lulju 2004 minn gewwa Tria Dun Luigi Rigord f' Pembroke, ghall- habta tal- erbgha ta' filghodu, minn fuq il- persuna ta' Amalia Solymosi, ikkommettew serq ta' basket li fih kellu diversi oggetti fosthom mobile phone tal- marka Samsung V200 u dan ghad- dannu ta' Amalia Solymosi, liema serq hu aggravat bil- valur, hin u vjolenza.

U aktar talli f' dawn l- ahhar xhur fuq dawn il- gzejjer, xjentament laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta jew xjentament b' kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Lil Ian Farrugia u Justin Axisa talli nhar l- Erbgha 28 ta' Lulju 2004 gewwa Triq Lapsi f' San Giljan ghall- habta ta' nofs il- lejl, minn fuq il- persuna ta' Celine Leticia Moret, ikkommettew serq ta' basket li fih ekllu diversi oggetti

fosthom mobile phone tal- marka Sharp GX20 u dan ghad- dannu ta' Celine Leticia Moret, liema serq hu aggravat bil- valur, hin u vjolenza.

U aktar talli f' dawn l- ahhra xhur fuq  dawn il- gzejjer, xjentament laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b' qerq jew akkwistati b' reat sew jekk dan sar f' Malta jew barra minn Malta jew xjentament b' kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom.

Rat in- nota tal- Avukat Generali u rat li l- akkuzati ma oggezjonawx li l- kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja minn din il- Qorti.

Rat li l- akkuzati fil- prezenza tad- difensuri taghhom ammettew l- akkuzi u regghu tennew wara li l- Qorti fissritilhom xi tfisser ammissjoni u x' iggib maghha.

Issibhom hatja.

Rat fil- konfront ta' Justin Axisa l- art. 261, 267, 270, 262 (2).

Rat fil- konfront ta' Johann Borg l- art. 261, 267, 270, 262 (2).

Rat fil- konfront ta' Taylor Axisa l- art. 261, 267, 270, 262 (2).

Rat fil- konfront ta' Sean Agius l- art. 261, 267, 270, 262 (2) u 37.

Rat fil- konfront ta' Ian Farrugia l- art. 261, 267, 270, 262 (2) u 37.

Rat fil- konfront ta' Clayton Pace l- art. 261, 267, 270, 262 (2) u 37.

Rat fil- konfront ta' Clifford Garrett l- art. 261, 267, 270, 262 (2) u 37.

Rat ukoll fil- konfront ta’ Justin Axisa, Johann Borg, Taylor Axisa, Sean Agius, Ian Farrugia l- art. 28 A tal- Kap 9 tal- ligijiet ta’ Malta u sa tapplikah stante il kondotta nadifa ta’ l- akkuzati u ghalekk fil- waqt li ssibhom hatja tikkundannhom sena (1) prigunerija liema sentenza ma ghdndiex tidhol fis- sehh hlief jekk l- akkuzati jikkommettu reat iehor soggett ghall- prigunerija fi zmien sena (1) minn llum.

Rat fil- konfront ta’ Clayton Pace u Clifford Garrett l- art 7 tal- Kap 446 barra l- artikoli fuq imsemmija u tilliberhom taht il- povedimenti ta’ l- artikolu msemmi b’ dan li ma jghamlux reat iehor fi zmien tlett (3) snin mil- llum. Dan qed isir minhabba l- kondotta nadifa tal- hatja u l- htigijiet taghhom u ghalekk il- hatja ghal- sena ghandhom joqghodu ghal- sena taht is- sorveljanza tad- Direttur tal- ‘Probation Services’ li ghandu jgharraf il- Qorti dwar l- imgieba taghhom.

Il- Qorti ma ssibx l- akkuzati hatja tar- reati l- ohra msemmija (ricettazjoni).

Il- Qorti rat ukoll l- art. 8 tal- Kap 77, tuza d- diskrezzjoni taghha u tordna li fil- kondotta tal- hatja ma titnizzilx din is- sentenza. Dan qed isir biex il- hatja isibu xoghol jew jitghallmu.

Il- Qorti tordna li l- ismijiet, l- ghadd ta’ snin, il- post tax- xoghol (fejn applikabbli) tal- hatja ma jissemma fuq l- ebda sura ta’ medja.

Il- Qorti qed tfisser lill- hatja din is- sentenza fejn applikat l- art 28A tal- Kap 9 kemm fejn applikat l- art 7 tal- kap 446 hekk kif jghidu l- ligijiet. Qed twissihom li dak li ghamlu hu gravi u jkollha timxi mod iehor jekk il- hatja jergghu jidrhu quddiemha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------